**FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR.C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tas-26 ta' Gunju, 2001.**

**Citazz. Nru: 3414/96FS**

**Bank of Valletta Limited u b' digriet tat-22 ta' Frar 2000 Bank of Valletta p.l.c.**

Vs

**Joseph Attard u Onor. Josie Muscat M.D., M.P., u b' digriet tas-27 ta' Jannar 1988, l-Avukat Dr. Anthony Farrugia Sacco u l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro gew nominati kuraturi biex jirraprezentaw lill-imsiefer Joseph Attard ghall-finijiet tal-kawza u fl-atti l-ohra kollha konnessi u sussegwenti u Carmen Attard u Franca Muscat li gew kjamati fil-kawza b' digriet tal-5 ta' April 1999.**

Il-Qorti,

**RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Bank of Valletta Limited li espona u Paul Gambina ghan-nom u in rapprezentanta tal-Bank of Valletta Limited bil-gurament ikkonferma:

Illi b' sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-5 ta' Ottubru 1989 fl-ismijiet "Avukat Gracio Mercieca LL.D., ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited u b' nota tad-19 ta' Ottubru 1988, l-Avukat Dottor Dominic A. Cassar ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta bankarja "Bank of Valletta Limited" assuma l-atti kollha tal-kawza relattivi u sussegwenti minflok l-Avukat Grazio Mercieca LL.D. vs Joseph Attard u Onor. Josie Muscat M.D., M.P., u b' digriet tas-27 ta' Jannar 1988, l-Avukat Dr. Anthony Farrugia Sacco u l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro gew nominati kuraturi biex jirraprezentaw lil imsiefer Joseph Attard ghall-finijiet tal-kawza u fl-atti l-ohra kollha konnessi u sussegwenti" (Citazz. Numru 669/86JDC) (Dok "A"), s-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditrici ta' Joseph Attard fis-somma ta' elf, tmin mija u hamsa u sittin liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm1,865.12) kwantu ghal elf, seba' mija u ghaxar liri Maltin u seba’ centezmi (Lm1,710.07) sorte, u kwantu ghal mija u hamsa u hamsin liri Maltin u hames centezmi (Lm155.05) spejjez tal-kawza skond taxxa annessa u mmarkata Dok "B" salv l-imghax ulterjuri mit-22 ta' Settembru 1985 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi ghaddew iktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghtet tigi esegwita u illi l-konvenuti ma hallsux id-debiti taghhom u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti talbet illi din il-Qorti tawtorizzaha tesegwixxi is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-5 ta' Ottubru 1989 fl-ismijiet "Avukat Grazio Mercieca LL.D., ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited u b' nota tad-19 ta' Ottubru 1988, l-Avukat Dottor Dominic A. Cassar ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta bankarja "Bank of Valletta Limited" assuma l-atti kollha tal-kawza relattivi u sussegwenti minflok l-Avukat Grazio Mercieca LL.D., vs Joseph Attard u Onor Josie Muscat M.D., M.P., u b' digriet tas-27 ta' Jannar 1988, l-Avukat Dr. Anthony Farrugia Sacco u l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro gew nominati kuraturi biex jirraprezentaw lil imsiefer Joseph Attard ghall-finijiet tal-kawza u fl-atti l-ohra kollha konnessi u sussegwenti" sabiex tottjeni il-pagament ta' elf, tmien mija u hamsa u sittin liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm1,865.12) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-22 ta' Settembru 1985 sal-jum tal-pagament effettiv u l-ispejjez ta' din il-procedura.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat li hadd mill-intimati ma ipprezenta ebda risposta ghat-talba tar-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidrat

Illi fil-25 ta’ Ottubru, 2000 xehed Joe Zammit li kkonferma li ghandu r-rapprezentanza tal-Bank of Valletta. Wara verifiki li ghamel sab li kienu saru xi pagamenti zaghar akkont u li llum il-bilanc jaqra Lm3498.27 bl-imghaxijiet relattivi fuq dan l-ammont mill-1 ta’ Ottubru 2000. Originarjament kien dovut l-ammont ta’ Lm1710.07 pero` dan l-ammont zdied konsiderevolment minhabba l-imghaxijiet dovuti mid-data msemmija.

Provi ohra ma sarux.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jidher li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha. Dan dejjem riferibbilment ghall-ammont kif imsemmi fir-rikors u cioe’ fis-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u sittin liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm1,865.12). B’riserva ta’ imghaxijiet ulterjuri kif imsemmi fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-5 ta' Ottubru 1989.

Spejjez kontra l-intimati.